# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IT-8 TA LULJU, 1913. Nru. 72.

*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parrocci taħhom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Aħbar tajjba.

Nhar il ħadd li gej, 13 ta lulju, fis-sitta ta fil-ghaxija, issir *Accademja* fis-sala tal *Unjoni Cattolica* (Strada Forni, 94) ghall ghajnuna tax-Xirca ta *San Vicenz di Paŭla*, tal Ħamrun, jigifieri ghall ghajnuna tal fkar ta hemm. Dħul: *sitt soldi biss.* Icun hemm *reciti* bit-Taljan u bl'Ingliż, *cant* u *dakk*: fost l'oħrajn, isamma il ħleŭŭiet u ir-rekka tieghu il *Qŭartett tas-Sur Mast Bascetta.* Dan il Professur, li issa kieghed ighallem u imexxi ucoll il *Mandolinistica tal Unjoni Cattolica*, hu ŭieħed mill'akŭa *Vjolinisti* u mill'aħjar Diretturi li haŭn Malta.

F. M.

## Religjon....

Nitchellmu b'kalbna f'idejna. X'icun haŭn Malta, chiecu, ħabta u sabta, jasal minn Ruma dan it-telegramm;—

Il Papa u ir-Re tal Italja saru ħbieb—ir-Re mar iżur il Papa fil Vatican, flimchien mal Ministri collha; u, imbaghd, il Papa, bil Cardinali mieghu, ħareġ mil Vatican, biex imur irodd iż-żjara lir-Re—il Parlament, b'cotra cbira ta voti, iddecida li ix-xakliba ta Ruma mix-xmara il-geŭŭa tcun tal Papa, fejn jarġa jieħu is-setgha tieghu collha ta Re; u il Papa bierec din il ftehima........— x'icun haŭn Malta, chiecu jasal dan it-telegramm?...

Il Maltin itiru bil ferħ, jibdeŭ ighajjtu *Evviva l'Italja* u fuk il bjut il bandiera taljana titla tbatti ma genb tal Papa: dac il ħin, ma jidherx taljan fit-triek li ma isibx ruħu mghannak minn ħamsin Malti. U mischn hu min ighid chelma contra l'Italja u it-Taljani!

X'jigifieri dan?... Jigifieri li din il bruda cbira, biex ma nghidux haŭn ħaġ'oħra, ta bejn il Maltin u it-Taljani, gejja collha mir-Religjon! Il Maltin iħobbu il Papa bħal Missierhom, il Maltin huma Cattolici f'demmhom: u ghal hecc ma jaħmlux il Gvern taljan, li caħħad il Papa minn Ruma u nażża il Cnisja minn ħŭejjigħa.

Ir-Religjon, minn aŭl id-dinja, chienet dejjem dic li ghakkdet jeŭ firdet l' imħabba ta żeŭġ Popli flimchien!

Liema kima ma chellhomx mil Maltin il Cardinali Ferrata, Lualdi u Francica-Nava—u l'Iskfijet collha li geŭ mill'Italja—u il Cbarat l'oħra, u il Ġurnalisti, u chemm il maħluħ giè mill'Italja u minn Skallija ghall Cungress Eŭcaristicu?... Daŭc m'humiex taljani, bħalma taljan hu ucoll il Papa?... Religjon, Religjon! Biex il Popli jinħabbu tas-seŭ, trid tcun bejniethom ir-rabta tar-Religjon!

Ghaliex, mela, l'Ingliżi jaraŭna żghar f'ghajnejhom?... U chemmchemm ma iridux ighadduna b'*salvaġġi*?... U fejn jistghu collox ghalihom u xejn ghalina?... Religjon, Religjon! Li conna ilcoll *Protestanti*, ħaġ'oħra! Chiecu iħobbuna, u jistmaŭna, u jilkmuna!

Ghaliex id-Duca ta Norfolk, u il Cardinal Bourne, u l'Armirall Kerre, u il Milordi u Cbarat oħra li geŭ ghall Cungress, ħâdu grazzja maghna u marru ighidu Londra bl'imgiba u bl'educazzjoni tal Poplu Malti?...Ghax, billi Cattolici bħalna, ma ħarsux lejna bin-nuccali aħdar; u ghal hecc ma raŭniex żghar f'ghajnejhom!

U aħna ghax ħabbejnihom daŭc l'Ingliżi u xtakna nerfghuhom fuk ŭicc idejna? Ghax id-Duca ta Norfolk chellu jistkarr u ighid: *Haġa Curjuża! Londra, naħbat man-nies u ma iħares ħadd lejja! U haŭn minn cull fejn nghaddi cull-ħadd ineħħili il cappell u jaghmilli il ŭisa! Londra cull-ħadd jafni u haŭn gejt ilbieraħ! Haġa curjuża!*

Religjon, Religjon — inŭieġbuħ aħna!

Mela, ghal hecc — nistħajjlu min jistaksina — haŭn x'erbgha kieghdin jaħdmu lejl u nhar biex jakilbuna Protestanti?... Mela, daŭn iriduna inbieghu ir-ruħna biex incunu stmati mill'Ingliżi?...

Le, le: daħħlu din biss f'rascom: bosta Protestanti, li tŭieldu u ghâxu dejjem ta Protestanti, fil ħin tal meŭt taħħom giethom ix-xeŭka imutu Cattolici u tghammdu; iżda ghadu katt ma ġara li ŭieħed Cattolicu, li tŭieled u ghâx ta Cattolicu, fil ħin tal meŭt tieghu xtiek imut Protestant u kaleb! U żidu ucoll: xi uħud Cattolici li kalbu Protestanti, fl'aħħar siegha ta ħajjithom raġghu geŭ maghna; imma il Protestanti li jitghammdu u ighixu xi żmien ta Cattolici, f'ħin il meŭt Cattolici jibkghu. Dan ifisser li daŭc l'erbgha jafu li kieghdin jaghmlu ħażin: u ghal buthom, mhux ghal ŭiċċna, kieghdin jaħdmu. Il Protestanti stess, li jinkdeŭ bihom, flus jatuhom, mhux kima u imħabba!

Imma, ghad li Malta katt ma tcun Protestanta collha chemm hi; anzi, katt ma jakleb ghadd ta Maltin tant cbir, li tcun tista tinbet fl'Ingliżi ghalihom dic il gibda ta bejn żeŭġ Popli Protestanti; il marda, disgrazzjatament, dieħla il-geŭŭa — u dieħla il-geŭŭa bis-sieghat—u dieħla il-geŭŭa ŭisk actar milli jaħsbu xi uħud. Chiecu ngibu dac collu li chitbulna u kalulna Cattolici tajjbin mil Belt, mill' Isla, minn tas-Sliema, mil li Msida u minn xi raħal fil krib ucoll, icun scandlu cbir!

Malta tibka dejjem issaltan ir-Religjon Cattolica: iżda min ghandu dmiru u ma jaghmlux, ghad irid iŭieġeb ll'Alla tan-nghaġ mitlufa u ta bosta oħrajn li kieghdin jintilfu. Min jorkod, ma jakbadx ħut— ighid il Malti; u min ghandu il ħuħ mejjet id-dar, ma ghandux jintilef ŭara ix-xejxi — nghidu aħna!

L'GHAJNUNIET
LILL IMSIEĦBIN MORDA
**tax-Xirca ta 'San Giusepp.'**

Daŭn chellhom jibdeŭ ŭara sena, mill 11 ta Mejju li għadda. Minn dac in-nhar il haŭn sebgha talbu għalihom. Ma ngibux isimhom, imma nghidu x'għamel magħhom il *Cumitat*.

1. N.N. minn Bormla. Laħak mar rah darba it-tabib tax-Xirca, għax miet. Sarulu

sitt kuddisiet għar-ruħu, u'l *Cumitat* tà lil familja għad-difna lira; mux mill caxxa tax-Xirca, għax l'imsieħbin ma għandhomx jedd għal għajnuniet oħra barra minn daŭc msemmija fl'*Istatut.*

2. N.N. minn Bormla. Jinsab corrut fi sptar. Ilu jieħu *is-sussidju* mill ħmistax tax-xahar li għadda. Ta coll nhar ta sibt dac li jiġbor minn għand l'imsieħbin il ħlas tal gimgħat kiegħed jieħu lill mara għaxar xelini u nofs, u sallum ħadilha b'collox £ 3,, 17,, 6.

3. N.N. minn Bormla. Chellu it-tabib u 'l medicini b'xejn, u ħà ta chemm dam marid ma jistax jaħdem ħmistax il xelin, u ħadhomlu dac li semmejjna kabel.

4. N.N. mill belt. Ried it-tabib tiegħu, imma kiegħed jieħu ix-xelin u nofs colljum, u s'issa ha' £ 2,, 5,, 0.

5. N.N. mill Ħamrun. Għandu it-tabib tax-Xirca u 'l medicini b'xejn. Il Cumitat bagħat isaksih jecc *is-sussidju* iridux bil gimgħa, imma hu bagħat igħid li jieħdu ŭara li ifiek.

6. N.N. minn Għaŭdex. B'għafsa ta kalbu il *Cumitat* chellu jiċħadlu *is-sussidju,* għax chien lura xahrejn fil ħlas tal gimgħat. Tŭissija għall oħrajn. U jaħasra! chemm hu ħtieġu *is-sussidju.* Imma il *Cumitat* ma jistax iħassar *ir-regulamenti* bi ħsara tax-Xirca. Il gid ta ħafna jagħleb il gid ta ŭieħed.

7. N.N. mill belt. Il *Cumitat,* sa da 'l ħin li kiegħed nicteb, għadu ma jafx jecc, scond *ir-regulamenti,* għandux, jeŭ le, jedd għall għajnuniet. Għandu jaraha it-tabib tax-Xirca, u chif jakta' hu isir, għax biċċa collha tiegħu.

Barra minn dan, chemm il darba lil *Cumitat* ŭaslulu ittri ta imsieħbin biex jatuh il bxara li huma morda u jitolbuh l'għajnuniet, hu minnufih ħà ħsieb chiteb lit-tabib tax-Xirca, jitolbu li imur iżurhom u jiccurahom, u minn ŭara bagħat ir-ragel tiegħu, biex jara hux collox seŭŭa u jecc il marid iridx jibgħat igħidlu xi ħaġa. Actar minn hecc ma satax jagħmel il *Cumitat,* li bagħat saħansitra lil tnejn minn daŭc is-sebgħa, li chien jaf li huma mixħuta, igħidilhom, minn rajħ, jecc iridux l'għajnuniet.

Jiena nitma, u mieghi il *Cumitat,* li daŭc, li ħadu jeŭ kegħdin jieħdu l'għajnuniet, meta icunu jistgħu, jatu xhieda lil cliem tiegħi, fuk il *Habib* jeŭ gazzetta oħra ; u dan mux għall foħrija tal *Cumitat,* li ma għamilx ħlief dmiru meta ŭakaf magħhom, imma ħalli l'imsieħbin collha jifmuha. Il mara ta ŭieħed minn daŭc it-tnejn, meta il *Cumitat* bagħat igħid lir-ragel tagħha biex jatiħ l'għajnuniet, kalet: "Jien cont naħseb li biċċajt da'*s-sussidju.*" Oh li l'imsieħbin collha chienu igħidu minn issa bħalha, ħalli meta jiġu bżonn tal għajnuniet ma jisgħobx biħom, li tilfuhom ! Aħseb minn kabel għal dac li jista jigi fukec, ja ħija !

Jiena għandi tama cbira li din ix-Xirca tcun ta għajnuna cbira fid-diek li ninsabu fih, u nitlob ll'Alla li iekaf magħha. Imma, ħija, iftacar f'dac li igħid il *proverbju* : " Għin ruħec, biex Alla igħinec."

DUN PAŬL

# Ma dûar il Gżira.

Billi illum gibna l'*Ittra miftuħa* ta SITIO (fuk il Malti), ħallejna għal darb'oħra it-tielet dehra ta *Fi Scola ta bil lejl,* biex ma nghabbux il Karrejja tagħna b'ħaġa ŭaħda.

—Nifirħu, b'kalbna collha, lir-Reverendu Dun Giusepp Farrugia u lis-Sur Giuseppi Micallef, żeŭġ chittieba li jidhru siċŭit fil *Habib*: dac, talli ħa *Diploma di Prima Classe* mis-Società Agraria (*Xirca tal Biedja*), għall ctieb li ħareġ fil *Mogħdija taż-Żmien,* bl'isem ta *Għin ruħec u Alla igħinec.* (DIPLOMA li ħa minn idejn l'Eccellentissimu Vici-Gvernatur, nhar l'Imnarja, fil Ŭirja tal Buschett); u dan, is-Sur Micallef, talli giè l'*Eŭŭel ŭieħed,* fost ħamsin, li minnhom ma għaddeŭx minn collox ħlief ħamsa, fl'*Eżami tal Matricula*—u ħa il premju ta għoxrin lira. Is-*Siegħa ta dieka* (l'aħħar poeżija tiegħu fil *Habib*) saret *Siegħa ta ferħ*: u fuk collox uriet li min fl'eżamijet ħorox tal Università jieħu il premju tal Latin, tat-Taljan u tal Ingliż jista ucoll icun jaf bil Malti tajjeb nett, bħalma jaf is-Sur Micallef.—Ma dan collu, Dun Giusepp Farrugia id-*Diploma di Prima Classe* ħadu ucoll għall ctieb BIL MALTI; u ħadu minn Società li hemm imxierchin fiha l'aħjar nies ta Malta.

—Ŭieħed *Curjuż* bagħat jistaksina xi chemm haŭn Lhud fid-dinja, għax għandu icun ħasibhom ŭaslu biex jintemmu, chif jidher minn cliemu. Scond l'aħjar għadd, haŭn *tnax il miljun*: u tmin miljuni u nofs minnhom kiegħdin fl'Eŭropa (ma dŭar ħames miljuni biss fir-Russja): it-tliet miljuni u nofs l'oħra mxerrdin ma cull naħa tad-dinja. Fl'Africa, hemm xi 350 elf lhudi; l'Asja, xi 250 elf; l'Aŭstralja, sbatax il elf. L'America, sa sentejn ilu, ma chienx hemm ħlief ħamsin elf; u issa jilħku il 150 elf, għax sejjrin hemm bil ktajja mir-Russja.

—Niżżu-ħajr lir-Reverendissimu Monsinjur Dun Ġŭann Formosa, DD.,BA., J.U.D., li għoġbu jatina id-*Discors bit-Taljan* li għamel, fl'Oratorju ta San Ġŭann, lill *Fergħa ta li Studenti tal Università,* fil Lakgħat tal Cungress. Chellu jisimgħuh żeŭġ Iskfijet imsemmijin għall pulptu, li tchellmu ŭarajħ; u id-*Discors* giè mfaħħar saħansitra mil Cardinal Ferrata, li, kabel ma laka' id-*Dedica* tiegħu, kraħ stampat, Ir-Reverendissimu Monsinjur Formosa, li hu Professur tat-Teologija l'Università u jaf b'ħafna lingŭi (mita geŭ li Studenti tal Aŭstrja, għamlilhom *Discors bit-Tedesc*), hu ŭieħed mil għeref Sacerdoti ta Malta, mil għeref nett: iżda in-nies ma jafuħx biż-żejjed, għax ma iħobbx juri-ruħu. M'hemmx bżonn nghidu li dan id-*Discors bit-Taljan* jisŭa mitklu deheb.

—L'articuli tar-Rev. Patri Leonardu O.F.M. u tar-Rev. Dun Giusepp Farrugia għall gimgħa id-dieħla.

—Is-Sur Oreste Valenzja bagħtlna is-Sunett li chiteb bit-Taljan *Al Cuor Santissimo di Gesù*; nifirħulu u inroddulu il ħajr.

—Minn ittra ta Monsinjur Heylen, li giet daŭn il ġranet taħt għajnejna, nistgħu nħabbru fis-sgur li *il Ħamsa-u-Għoxrin Cungress Eŭcaristicu*, isir Lourdes, f'settembru tas-sena li gejja. Imorru Maltin għaliħ?.. U chemm, għandna f'rasna! Imma taħsbu xejn: hemm ma jibżgħux mil cotra tal eluf tan-nies, bħalma bżajna aħna; u taraŭ chemm iħabircu biex jiġbduhom lejhom.

—QUO VADIS ? (*Fejn sejjer?*)—Jingħad li San Pietru, mxabba mil moħkrija tal chiefer Neruni (li saħansitra, ŭara li ħarak il belt ta Ruma hu stess, ŭaħħal fl'insara, biex katel b'ħorox martirji ħafna minnhom), chien sejjer jitlak minn Ruma: iżda, mat-triek, deherlu Cristu (li chien ilu fuk tletin sena li tala' is-Sema); u San Pietru staksieħ, collu mistagħgeb:—*Fejn sejjer, Mulejja?* (QUO VADIS, DOMINE?) Cristu ŭiegħu:—*La inti ħallejt il Belt tiegħi, sejjer immur nokgħod jen f'lôcoc*; u ma deherx actar. San Pietru raġa l'ura u baka Ruma.—Fuk daŭn il ġrajja, li għadhom jinsabu mfaccra, f'chitba bil Latin, fuk nitfa ta Cappella, ħdejn il Bieb-Capena, il cbir chittieb pollacc Enricu Lienkilonvicz ninseġ dac ir-Rumanz li giè maklub f'bosta ilsna oħra u għoġob mad-dinja collha, għax fiħ għaraf jiġbor id-*Draŭŭiet* collha ta Ruma, fi żmien l'eŭŭel insara. U fuk dan ir-Rumanz tal-għageb, li ŭisk actar jixraklu l'isem ta *Storja,* inħadmet issa dic il *Film* li kiegħda tidher fiċ-Cinematografu tat-*Teatru Manŭel,* l'acbar u l'isbaħ *Film* li rajna sa 'llum haŭn Malta. Dic il *Film* m'hix magħmula biss għax-xalâr tan-nies jeŭ għall mogħdija taż-żmien fil fieraħ, għax minnha nistgħu nitgħallmu bosta ħŭejjeġ: u l'acbar ŭaħda, fost l'oħrajn, *fejn iŭasslu il kalb tajjba u il chefrija, chemm hi sabiħa l'imgiba nisranija u chemm hi cherha il ħajja pagana.* «Din il *Film*—kaltilna Sinjura ta dehen cbir, li chienet kiegħda taraha ma genbna—hi, f'li stess ħin, Divertiment u Scôla. Daŭc ta moħħom fuk il ŭerka, li imorru iċ-Cinamotografu għall csuħat biss, ma għandhomx għax jersku il haŭn!» U hecc hu.

—Cull-ħadd chelma ŭaħda! Chemm flejjes sejjrin Barra għall logħob! Għax il Gvern ma jaktax iż-żarda u jati is-sensja li isiru it-Tombli haŭn Malta, bħal dâri?!—Il Poplu hecc jaħsibha u jaħsibha aħjar mil Gvern!—Biex it-Tombli isiru tajjeb, li icunu f'li stess ħin ta għajnuna lill Pajjiż u ta rażna għall logħob ta Barra, il Gvern għandu saħħa cbira! U, jecc ma iridx logħob haŭn, għax ma jagħmelx lîgi—issa li nieżlin il ligijet bħax-xita—biex ma icun jista jilgħab ħadd inkas fit-*Tombli* u fil *Lottu* ta Barra?... Ma dan collu, chiecu il Gvern jagħmel it-Tombla hu stess, b'lîgi li ma jista jilgħab ħadd għajr f'tiegħu, barra milli ncunu nafu chif kiegħed isir il logħob u fejn huma sejjrin flusna, icun jista ineħħilna xi ŭaħda mit-taxxi l'oħra ucoll !

—Ħareġ il *Messaggier tal Kalb ta Gesù,* għax-xahar ta lulju: nirriccmandaŭħ ferm lill Karrejja tagħna, għax fiħ ŭisk kari u tagħlim ta fejda għar-ruħ u għall gisem.—Fil faċċata 218 tiegħu, takraŭ daŭn il chelmiet, mictubin mil għaref Patri Geżŭita Ŭigi Grech: «Il *Habib,* contra velenu għall istampa ħażina, imxerred mal poplu tgħana.» Din hi l'isbaħ risposta għal dac l'articlu tŭil, tŭil, tŭil.... li haŭn ma jixrakx insemmuħ b'ismu.

# Chitbulna:—

I.

1, Lugliu 1913.

9 Sda. Prima

Habib Għaziz Tigħi Sur

Giusè Muscat Azzopardi, ser nictiblec din il mistoksija, bjex jecc jgħoġboc iggibieli fil "Habib" u ta dana collu nipkalec obbligat sa l'aħħar ta ħaiti, u nirringrazziac minn kuddiem.

Inti forsi taf tgħidli, u jecc lè, forsi permezz tal "Habib". Tasseu li jena dil mistoksija, ili ħafna bjex ngħamila u cull tant jigi xi jgħidli, ħalli ftit taz-zmien iħor għax forsi għadu cmieni, imma mil banda l'oħra jidirli li issa għadda zmien bizzejjed u nista bil-libertà colla insaksi.

Il mistoksija tigħi hi din:—

Taf tgħidli xejn jecc issignuri li jifformau il cumitat tal "Congress Eucaristicu", bakalhomx xi ftit midagli minn dauc li kassmu?.. u jecc bakalhom u forsi għadom ma sabux x'jgħamlu bihom, jena irrid, għad li jen uisk ċcheichen ħdejhom, nitlobhom li jippermettuli, nissuggerilhom, la darba ma ħasbux huma minn jeddom infaccarhom li jabsbu ftit f'dauc issignuri li issacrificau ruħhom cull nhar ta Hadt, li ħalleu saħansitra l'affarijet taħħom għal bjex jiġbru irraccolta ta bieb, bieb min cull parroċċa, jidirli jen daun għad li massemmeu xejn u ħadt ma ħà ħsiebom chif chien imissom li ħadu ħsibom f'collox, għall'inkas f'din il biċċa fir-ricordi, chien imissom jaħsbu fihom l'euuel nies; jeu forsi iridu iħalluhom b'xejn f'dil ħaġa ucoll, biex icunu ħadmu għall'Alla biss. Għax ħatt ma chien jaf jipprezzaħ xogħolom, Hliefu.

Cull minn chien incarigat f'xi ħaġa, sa fejn naf jen, cullħatt chien irriconpensat b'xi ħaġa; min b'midagli tad-deheb, min tal fidda, min ta metal iħor, min chien anche li chellu ix-xorti li icun onorat mill'istess Papa, minn tauħ xi post riservat, fil processioni sollenni, intant cullħatt, acquista xi titchira anche li stess Società ta l'Ambulanza, fi ftit cliem ma 'nseu lil ħatt, ħliefna, jen forsi uara dazzmien collu joħrog xi ħatt u ighid li jena tchellimt cmieni, chien imissni nistenna biex nithenna bħal ma ighid il proverbiu, imma hemm proverbiu iħor li ighid tgħix b'ittama u tmut bil piena, issa la darba ftacart jen, u mux ħuma sigur li iħalluna b'xejn, biex ma jgħidux li tauna għax faccarthom jen, imma jaħasra jen ma naħmilx, meta niftacar, li dic inhar li incarigauna għal dac il ġbir accettaina bil ferħa collha, u ħdimmna u stincaina chemm fl'aħna bil għainuna t'Alla, meta niftacar f'dac ittisfiek tall'uiċċ li għamilna, mita niftacar f'dac iċċanfir ta xi injuranti, meta niftacar f'dauc il lifronti ta xi nies boloħ, li ittrattauna biħom, għax il ġbir minn għand il fkar, mux cumplament sabieħ, ma 'nsemmux ix-xemx u ix-xita li batejna bihom, imma ah! x'sofreina min għand minn ma jifimx, min irid jaf dan għal fejn, min jgħid da chif tati flusec għal biex jintefku band'oħra; intant dan ħallieħ għax bizzeijed ġbittlec fittul u bil pinna biss mux bizzejjed biex tispiega certi affarijet, bizzeijed mita ngħidu li il ġbir min għand il fkir speciałment illum f'dazzmienijet ta għacs, mux gost, mux bħal min jigbor minn għand is-Signuri, għax is-Signur hu stess jigi ifittex biex inizzillec fl'arbural xi somma sabiħa kuddiem ismu, għax jara il bzonn u iccircostanzi colla u jifihma min aghir ma icollu bzonn minn ifhemu.

Per conseguenza mela daun huma il veri nies li bateu fil ġbir ta bieb, bieb, u li ħatt ma chien imissu jinsihom għax li ma chienux huma biex ma ngħidx il festi li saru colla imma noisħom bis-saħħa taħħom għax meta tiftacar biss minn haun l'Imsida ġbarna issomma sabiħa, għal subborg zgħir ta £42,13,0 ma tistenniex li ħatt ma hu ser jiftacar fic, għax biex jiccmandauna ftacru f'seduta milli chellom, jecc il midagli tal metall spiccau colla imissom fuk din iddichiarazioni tighi, jatuna imkar xi uaħda tal carti, basta ricordiu tal Congress, għax dac li nixtieku aħna mux ħaġ'oħra, u fil cas imbagħad li assolutament jgħamluha tatrruxi, u ma jatuna xejn, jgħamlu chif jgħoġobom.

Anzi alchemm mux aħjar, għax incunu nistgħu bid-dritt collu ngħidu actar b'uiċċna min kuddiem li aħna conna tas-seŭ nies li ħdimna għal Gloria t'Alla! u taxxogħol tagħna jiftacar fina u jonorana mux il Cumitat, l'ankas il Papa, għax aħna zgħar uisk, imma jiftacar fina u uisk taijeb Alla stess !!!... (*)

Insellì għalic ħafna u għoddni deijem il ħabib Tigħec

Giuseppe Attard,

Rettur ta l'Arciconfraternità tas-Smu: Sagrament ta l'Imsida.

(*) Din l'ittra ftit jebsa: imma il *Ħabib* ma għandux il jedd iŭarrabha u ma iŭarrabhiex, għax bħall *Cullettŭri* ta li Msida kiegħdin ighemgmu bosta oħrajn.—Id-Direttur tal *Ħabib* hu ŭieħed minn tal *Cumitat Esecuttiv tal Cungress*: imma, għad li jaħtieġ jidher barra ħaġa ŭaħda ma sħabu, għax hecc jixrak u għandu icun, f'din il qŭistjoni u fil *qŭistjonijet l'oħra collha* ma għandux u ma chellu katt *ħlief vôt*. Għedna biż-żejjed.

Id-Direzzjoni.

II.

ITTRA MIFTUĦA

Lis-Sur Giovanni Vassallo.

Fit-3 ta Lulju, 1913.

Ghaziz Sur Vassallo,

Jena studiait ferm il *Muftieħ* tieghec,għax smaithom ifaħħruħ daŭc collha li jafu bil Malti, u chien hu li ġagħalni nibda nissaħħar għal din il lingua. Is-Sur Levanzin chien igħolliħ mas-Sema. U jen il ftit li naf nafu minnu, għax dejjem imxeit fuku. F'chelma ŭaħda, għandi fic, Sur Vassallo, fldi cbira.

Issa jena kiegħed nistudia bil ħrara chemm il Grammatica haŭn bil Malti, għax li studiu tal Lingua tagħna bħal tal Evangeliu, jecc tilħak tinnamra minnu ma titilkux actar. Għandi f'idejja il Grammatica bil latin tal Vassalli u bit-taljan għandi xi ħamsa (tal Canonicu Panzavecchia, ta Falzun, ta Vella, ta Caruana): imma din tal aħħar, ta li Spiziar Antonio Emanuele Caruana, li għad ilha mictuba għaxar snin u tinsab imsieħba ma *Vocabolario della Lingua Maltese* li jagħmel onur lil pajjisna, għax is-Sur Caruana, li chien pajjis ieħor, l'Italia jeŭ Franza, digià għandu Statŭa f'ŭaħda mil piazez tal Belt, jidhirli li fiha daca collu li jinsab fil Grammatichi ta lingui oħra.

Imma ntkait ma *Regula* li ma nistax nifhimha; u, bil permess tas-Sur Direttur tal *Ħabib*, li bosta drabi kalli li, bil *Muftieħ* tieghec u bil *Grammatica* tas-Sur Caruana, jista cullħadd jitgħallem bil Malti, sejjer, jecc jogħġboc, nistaksiha lilec. Din ir-*Regula* tgħid (fuk il *Pronomi*): «L'affisso di terza persona plurale è *hom* per le parole finienti in consonante e *om* per quelle terminanti in vocale.» U magħha hemm daŭna l'esempi: *Binhom*, *Diarom*, *Missierom*.

Għaliex il *Pronom* imŭaħħal man-*Nom*, fil Plural li jispiċċa b'consonanti għandu icun *hom* u f'dac li jispiċċa b'vocali għandu icun *om*?... Dan li ma fhimtx.

L'aħjar Chittieba tal Malti, is-Sur Annibale Preca, Patri Magri, is-Sur Cachia, il Professur Tagliaferro, is-Sur Muscat Azzopardi, is-Sur Fons Galea, is-Sur Levanzin, Monsinjur Vella, Monsinjur Galea, is-Sur Bellanti u bosta oħrajn, ħajjin u mejtin, jictbu *Djarhom*, *Missierhom*, *Zŭiegħom*, *Ħuthom*, *Flushom*, bħalma jictbu *Binhom*: hemm xi ragiuni biex dan l'*Affiss* dakka icun *hom* u dakka icun *om*? Jena ma chellix ħila *nsibha*.

Ara, fuk din l'imbierca *nsibha*, is-Sur Caruana igħid, f'li stess *Regula*, li għandna nictbu *Ħabbha*, *Katila*. Għaliex dan l'*Affiss femmenin* dakka jagħmel *ha* u dakka *a*? Daŭc il Chittieba li semmejt u bosta oħrajn, jecc niftacar tajjeb, jictbuħ dejjem *ha* (*ħabbha*, *katilha*); u fil Plural *ħabbhom* u *katilhom*. mhux *ħabbhom* u *katilom*, chif igib fl'esempiu is-Sur Caruana.

Iftaħli għajnejja inti, għaziz Sur Vassallo, u zommni dejjem b'ŭieħed li jixtiek jaf bil Malti daksec.

Sitio.

MIJA U SITTA U ĦAMSIN MILJARD
*li intefku għall'armamenti*
*mis-Sitt Potenzi il Cbar tal Eŭropa*
*fl'aħħar tletin sena.*

Il Parlament tal Imperu Germanicu kiegħed jiddiscuti Ligi, li biha il Gvern jitlob lill poplu sagrifiċċi ġodda u ŭisk cbar ta flûs, biex iżid il forzi armati tal pajjiż. Mhux mingħajr interess u ma għandux icun mingħajr tagħlim li studju magħmul u imxerred issa minn ŭieħed impiegat għoli, tal Ministru tal Finanzi, id-duttur Schwart, fuk li spejjes li saru f'daŭn l-aħħar snin u li għad isiru is-sena li ġejja mil Germanja u mil Potenzi l'oħra. Liema cifri li ibeżżgħu! Heccu haŭn xi uħud li jitchellmu ictar ċar minn qŭalunque discors ta Ministri u ta Deputati. Nefku, is-Sitt Potenzi il Cbar tal Eŭropa, miljardi ta *Marchi* f'daŭn is-snin:—

| | 1881-90 | 1891-900 | 1900-10 |
|---|---|---|---|
| Il Germanja | 5-6 | 7-9 | 11-7 |
| L'Inghilterra | 5-9 | 8-3 | 16-7 |
| Franza | 8-3 | 8-5 | 10-1 |
| L'Aŭstrja | 2-7 | 3-3 | 4-5 |
| L'Italja | 3-3 | 3-2 | 3-8 |
| Ir-Russja | 5-5 | 8-0 | 16-8 |
| Collox | 31-5 | 39-3 | 63-6 |
| Ta cull-ħadd | 134-1 | | |

Mija u erbgħa u tletin miljard ta *marchi*, jigifieri ma dŭar mija u sitta u ħamsin miljard ta *curuni* li intefku mis-Sitt Potenzi il Cbar tal Eŭropa għall'armamenti jeŭ tlestija għall gŭerra. F'dic is-somma jinsabu miġbura ħames miljardi ta curuni, li l'Inghilterra nefket fil gŭerra mal Boeri u issitt miljardi li ir-Russja nefket fil gŭerra mal Ġappuniżi. Jilħku immela 145 miljard ta curuni, minfuka fil cors ta tletin sena għat-tlestija tal gŭerra.

Daŭna iċ-cifri ma jurux l'aħħar scaluna tat-tarag, li dejjem jogħla—u diġà il bilanċ tas-sena 1912-1913 juri dejjem scond li *Statistici* miġbura minn Schwart nefka ta flus li tŭaħħax.

Intefku:

| | għall'esercitu | għall flotta | collox |
|---|---|---|---|
| Il Germanja | 1086 | 484 | 1570 |
| L'Inghilterra | 569 | 899 | 1468 |
| Franza | 840 | 397 | 1237 |
| L'Aŭstrja | 488 | 119 | 617 |
| L'Italja | 339 | 190 | 529 |
| Ir-Russja | 1219 | 355 | 1574 |

B'collox, immela, is-Sitt Pontenzi il Cbar tal Eŭropa jonfku 4551 miljun ta marchi għall'esercitu, 2444 miljun ta marchi għall flotta: b'collox, 6995 miljun ta marchi; inchella ma dŭar *8 miljardi u 200 miljun ta curuni*. (Il *Marca* issarraf *xelin u żeŭġ soldi tagħna* u il *Curuna* issarraf *franc u ħames ħabbiet*.) Bħallichiecu dan mhux biż-żejjed. Eccu issa Franza tcabbar nofs *miljard ta franchi* li spejjes militari taħħa u il Germanja tonfok *miljard ta marchi* f'dakka ŭaħda u titlob ma dŭar 200 miljun ta cull sena għaż-żmien li ġejj. Ma dan għandna inżidu id-dannu, li cull sena jitbegħdu mixxogħol mijet ta eluf ta nies fl'aħjar taħħom.

Il Germanja per esempju tbiegħed mixxogħol 668,000 ġuvni; u mita tgħaddi il ligi il ġdida, tibda tbiegħed 804,000 ġuvni.

Issa jecc nosservaŭ it-tieni tabella, naraŭ ucoll li, mingħajr iż-żieda cbira ta li spejjes militari mitluba mil Gvern, l'Imperu Germaniż hu ŭara ir-Russja il pajjiż li jonfok ictar għall forza armata; imbagħd, tigi ittielet l'Inghilterra; u urajhom Franza, l'Aŭstrja, l'Italja. Jecc aħna inħarsu lejn li spejjes li isiru scond il popolazjoni, naraŭ li l'inqŭatru jitbiddel ftit. Infatti, fil bilanċ 1912-1913, l'icbar Sitt Potenzi jonfku għal cull ruħ:—

| | għall'esercitu | għall flotta | collox |
|---|---|---|---|
| Il Germanja | 16-6 | 7.4 | 24.0 |
| L'Inghilterra | 12-4 | 19.7 | 32.1 |
| Franza | 21-2 | 10.3 | 31.5 |
| L'Aŭstrja | 9-6 | 2.6 | 11.2 |
| L'Italja | 9-8 | 2.3 | 15.3 |
| Ir-Russja | 7-7 | 2.2 | 9.9 |

Mela, jidher ċar li il Germanja, scond il populazjoni taħħa, tinsab tigi it-tielet u bogħod bosta mill' Inghilterra u minn Franza. U dana hu li iħabbat râs il Militari tedeschi, li iridu mhux biss li jicber l'armâr, iżda ucoll li il Germanja tcun tiflaħ għall piżijet ġodda u tkal. Sgur li is-sudditu germaniż hu ŭisk inkas milkut bit-taxxi mill'ingliż u mil franciż. Barra minn daŭn l'osservazzjonijet, hemm oħra ictar kaŭŭija: u din hi jecc din l'imħatra ta tlestija għall gŭerra, u

dan il ħala ta miljardi ta flus f'għodod kattiela, u dan it-tbegħid ta dirgħajn mix-xogħol, ħumiex sejjrin jirvinaŭ il pajjiżi l'ictar għônja. Għalhecc illum ucoll ġurnal imsemmi, il *Frankfuter Zeitung*, jagħmel dina il mistoksija: jecc ŭasalx il mument li issir Lakgħa bejn il Potenzi collha, biex jibdeŭ jiftehmu li għandhom iżarmaŭ ?....

Dun Pier Battista Agius,
*Cappillan ta ħ'Attard.*

## IL VESSUVJU.

Hemm ħafna li isemmu xi ġrajja fuk il Vessuvju u il biċċa il cbira minnhom ma jafux seŭŭa il ġrajja tiegħu. Nitcheilmu illum għaldakshecc fuk da'l munġbell li f'cull żmien tafa nar li bażża in-nies ta li nħaŭi tiegħu!

Dan il ŭaħx hecc icraħ, li il cbir Alla jinkeda biħ biex irażżan il ħażen tal chiefrin u ibeżbeż il daŭc l'icunu iridu jerfgħu rasħom u jieħduha mal Ħakk ta bla tmiem, jinsab ma genb Napli (l'Italja) u ŭisk għajdud sâr fuku minn għorrief ta hemm u minn barranin ucoll!

Daŭc il ħŭejjeġ li dan il Vessuvju jifta' mil ħofra (*cratere*) tiegħu, bħalma huma l'iġbla collha li jitfgħu in-nar, jistgħu jintagħżlu fi tliet taksimiet: gass (xi ħaġa bħal riħ jixgħel); liqŭidu (ħŭejjeġ maħlula), u ħŭejjeġ jiebsin (solidi).

Ir-riħ li joħroġ kabel ma jitfa in-nar huŭa il gass acidu idru-cloricu, li actarx joħroġ l-eŭŭel u jibka sa l'akkal tas-saħħa ta dic it-tefgħa (*eruzione*); il gass acidu solforus li jibda jidher meta it-tefgħa tibda tgħejja; u il gass acidu carbonicu, li minn xi dakkiet jibka sa ma tintemm dic it-tefgħa. Daŭna li rieħ joħorġu mil ħofra imħalltin ma ħafna fŭar, taħt għamla ta duħħan u raxx mgħakud. Id-dehra ta daŭn il ħŭejjeġ actarx li tcun imsieħba ma trab imsejjaħ irmied. Ma dan jixxierec frac ta gebel, ġamar, imsejjaħ lapilli (żrâr u xrâr imħalltin ma ħadid u ħŭejjeġ oħra), u bcejjeċ cbar ta ħaffief jeŭ gebel ieħor, li b'saħħa cbira jitŭaddbu fil bogħod ferm, Di'l ħofra tfaŭŭar ucoll daŭc il ħŭejjeġ imdeŭŭbin li icollha ġo fiha u li igħidulhom lava; di'l lava tinxtered fi glieghel cbar maż-żcrżikiet u max-xgħari ta ma dŭaru.

Il Vessuvju bida jissemma seŭŭa chif titlob il ġrajja b'dic it-tefgħa li ma tintesa katt tas-sena disgħa u sebgħin(79)ŭara Cristu:għaldakshecc il ġrajja tiegħu tiġbed elf tmienmija u sebgħa u għoxrin (1827) sena li ma tulhom chellu erba' iżmna cbar ta tifchiriet: l-eŭŭel mid-79 sal 203, it-tieni mil 472 sas-685, it-tielet mid-992 sal 1139 u ir-raba' mil 1631 sal 1906. Iżda il Vessuvju chien maħluk ŭisk kabel is-sena 79 ta ŭara Cristu: liema huŭa, immela, iż-żmien tiegħu seŭŭa? ... mita deher?.... liema chienu il ġrajja tiegħu ta kabel iż-żmien li bdiet titniżżel il ġrajja?.... Infittxu li naktuħom u li ninzertaŭhom!....

L'ictar chitba kadima li fiha isemmu u isaŭŭru 'l għamla tal Vessuvju hija dic li ŭasslilna il għaref Strabone, mgħallem mil-l'iżjed imchissrin fis-sengħa tal ħżuż u 'l għamla tal artijet, li għâx fi żmien Cristu, u li saŭŭru bħal munġbell imdaŭŭar b'għelieki l'ictar għammiela, barra mil kuċċata, li il biċċa il cbira minnha hija ŭita u moxa, collha chemm hi ta leŭn irmiedi, mimlija b'għerien collha xkuk u gebel ta leŭn imdaħħan, bħal ta daŭc li bateŭ bi ħruk tannar: b'hecc tista tifhem li naħat bħal daŭn fi żminijet l'actar fil bogħod chienu maħruka u micŭija, u li chellhom ucoll ħluk ta nar l'iżjed kaŭŭi, li, chif nakas dan in-nar, intfeŭ.»

Għal chemm il chemm m'hux b'li stess cliem ifiehem il Baratta; — ifaccru ucoll il Vessuvju bosta chittieba oħra ta żminijet kodma, li, għal chemm kâlu fuk is-sura u il għamla tiegħu ta munġbell l'actar fiddieher li jitfa in-nar, iżda katt ma semmeŭ li tafa nar minn tulec ja żmien ta kabel ma bdiet titniżżel il ġrajja, fil ŭakt ucoll li igħarrfuna bi tfiħ ta nar l'actar fil bogħod tal Etna, tal Vulcan u ta iġbla oħra. U fuk dan il għajdud il Palmieri niseġ fl'1879 is-sura tal Vessuvju, chif jaħsbu li chien imsaŭŭar fi żmien Strabone u fi żmien Spartacu, li dan tal aħħar staħba, flimchien ma sħabu, fuk il kuċċata tal Vessuvju fissena 72 ta Cristu, biex imbgħad minn hemm jinżlu għal għarrieda ħalli iħarbtu u jisirku it-tined tar-Rumani. Fil ŭakt li chien jinseġ di'l għamla, il Palmieri ŭira it-tfixchil u it-tmerija tal għorrief fuk l-eŭŭel għamla tal Vessuvju, u mar igħid:— Min jaf jecc għadx jigi żmien li il ħitan ta Pompej juruna seŭŭa liema chienet is-sura u il għamla tal Vessuvju?

(*Jissocta*) Gius. Micallef Goggi.

## Ma dûar id-dinja.

*Spanja*—Il gimgħa li ħarget Spanja chien hemm Cungress Catechisticu.—Ħadu parti fiħ Cardinali, Iskfijet, Prelati u numru cbir ta Sacerdoti.—Irnexxa ŭisk. Il Cardinal Cos y Macho fid-*Discors* tal għeluk kâl: Aħna dejjem nibkgħu inżommu il verità: minn ħadd ma nibżgħu ħlief mn'Alla biss. Isejjħulna retrogradi, isejjħulna papisti: ħalli isejjħulna: aħna dejjem inżommu it-tagħlim tal Cnisja, dejjem incunu mal Papa, fil ħŭejjeġ tar-ruħ!—Daŭna il chelmiet geŭ bil bosta applaŭditi. L'istess Cardinal geŭŭa ġnien karben seba' t'elef tifel.

*Calabrja*—Il gimgħa li għaddiet, inħassu diversi scossi ta terremot.—Mejjtin ma chienx hemm, iżda bosta feruti.—Ŭakgħu Cnisja u xi Palazzi: u ħassu bosta djar. F'xi bliet, għal xi lieli, in-nies rakdu barra. Fejn inħass iżjed chien f'Cosenza, Rogianu, Rosa, Luzzi, Santa Sofija, Mongrassano, Tarsja, San Benedettu, San Martin, Fagranu u Paŭla.

*Indja*—F'Allahabad, fl'aħħar gimgħatejn, niżlet xita bil bosta u għamlet ħafna ħsara.—Ix-xmajjar fâru u ġreŭ fuk il għelieki u ŭakgħu bosta pontijet tal ferrovija u għerku ħafna irħula.—Il Gvern bilġri bagħat medecini, ichel u għajnuna.—Fid-29 tax-xahar, f'dakka ŭaħda, ix-xmajjar fâru mil ġdid, u ŭaka pont fil ŭakt li chien għaddej minn fuku tren, li ŭaka minn tmien kasab għôli.—Seba' vaguni mimlijin bil passiggieri marru geŭŭa ix-xmara, u il cumplament ŭakgħu fukhom.—Intilfu bosta nies, għalchemm innumru ma hux magħruf.

*Il Gŭerra*—Chif għedna l'aħħar darba, sħab isŭed chien juri li it-tempesta ma chienitx bgħid—u hecc chien. Il Bulgari daħlu fil camp tal Grieghi u tas-Serbi: imma geŭ imcheccijin mit-tnejn. Il Grieghi allura ordnaŭ lill Bulgari li chienu Salonicc biex jiccunsinjaŭ l'armi fi żmien ta siegħa: iżda daŭn sparaŭ fuk il Grieghi li, ŭara cumbattiment, giebuhom f'nofshom u hecc il Bulgari chellhom iciedu. F'battalja ŭaħda, is-Serbi chif huma stess stkarreŭ, bejn mejjtin u feruti chellhom sitt elef: imma il Bulgari chellhom bil bosta iżjed. Daŭn ħalleŭ ŭarajhom ħafna canuni li biċċa minnhom ŭakgħu f'idejn is-Serbi u biċċa f'idejn il Grieghi.—Nistenneŭ taktighat actar cbar.—It-Turchija, għal issa, kiegħda qŭieta; iżda nibżgħu li, mita jidħrilha li ŭasal il ŭakt, ma tonkosx li ma tmiddx idejha, sabiex tarġa tieħu għall'inkas biċċa milli tilfet.

*Italja u Germanja.*—Ir-Re tal Italja, flimchien mar-Regina, abbord tal *Yatch Trinacrja*, imsieħeb mal fregata *Amalfi*, ŭaslu Kiel, biex iżuru l'Imperatur u l'Imperatrici tal Germanja—chellhom lakgħa mill'aħjar—u il belt tinsab imżejjna bil bandieri taljani: fil għaxija hemm cull jum mixilgħa elettrica.

L. M. C. G.

## Minn haûn u minn hinn.

I. L'Emigrazzjoni għall'Aŭstralja kiegħda tonkos. Il Perit Carlu Bonavia, Sydney, il Maltin taŭħ pranzu,—imkarrun fil forn u ħasi.

II. Għamlet xita kaŭŭija il Palatina, fl'Indi: niżlet 16 il pulzier f'sitt siegħat.

III. L'icbar vapur li jeżisti jismu *Imperator*, tal cumpanija Tedesca-Americana. Ŭasal l'eŭŭel darba New York fit-18 ta ġunju.

IV. Ipperfezzjonaŭ il mâgna cinematografica, li issa giet tâti ir-ritratti fuk it-tila u f'li stess ħin isir il cant minn trumbetta.

V. Il bastiment *Terra Nuova* li tliet snin ilu ħa il Captan Scott għall Polo Antarticu, raġa intorna Cardiff. Chif tafu, Scott miet ma erbgħa oħra. Il mara tiegħu, Lady Scott, marret iżżur dac il vapur, mat-tifel taħħa Pietru, żagħżuħ. Il għodda u it-tifchiriet sejjrin ikassmuhom lill Musej.

VI. Il manuscritt originali tal *Kuddiesa tal mejjtin* tal cbir mużicista Mozart, li giet compluta mil li student tiegħu Süssmayr, tinsab fil Librerija Imperjali ta Vienna. Hemm għall bejħ copji minnha.

VII. Il fregata *Aŭstralja*, li giet makbuda lill flotta ingliża mil Gvern Aŭstraljan, chellha tasal Portsmouth fil 21 ta ġunju. L'Aŭstraljani li jinsabu l'Inghilterra geŭ mistednin biex jieħdu it-tè fukha.

VIII. L'Ingenier Barreca għamel *Discors* (Livornu) contra il Mażuni, li giè applaŭdit ŭisk. L'Inginier Barreca chien Mażun u icconverta.

IX. Id-dinja għandha bżonn iżjed ta esempji tajjba minn dac il ħafna tiftix fuk id-daŭl tal għerf ta Cristu—minn dan għandna biż-żejjed. Tibżgħux li tagħmlu dmircom, uru curaġġ ta veri Maltin li inthom: il barclori, il ħaddiema tax-Xatt, in-naġġâra u ħafna nies oħra tas-snajja, mal eŭŭel tocc tat-*tmienja* u ta *nofs in-nhar* ineħħu il berritta u iroddu is-Salib—daŭc veri nies ta saħħa u ta curaġġ, li minn ġurnata għal oħra jippericulaŭ ħajjithom għall ħobż ta marthom u uliedhom, u fuk collox iħobbu ll'Alla.

A. A.

FRAC TAD-DEHEB.

Daŭc li iħanbku: *Cullħadd għandu icun xorta*, iridu iceccnu l'oħrajn biex jicbru huma.

Mil Lucerna tal Ħajja.—63. Jemmen tas-seŭ dac il bniedem li jagħmel chif jemmen.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

TAHBIT IL MOHH.



L'aħħar *Monoverb* chien:

*Si-n-s-la—Sinsla.*

Ma giebu ħadd: u hecc chellu icun, għax, bi żball ta li stampa, it-tieni nota chienet kiegħda vers l'isfel (giet *fa* f'lôc *la*).